MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## SAVIOUR DEMICOLI

Seduta tat-18 ta' April, 2005

Numru 882/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur Maria Stella Cutajar)**

**vs**

**JACQUES BONNET**

**Illum 18 ta’ April, 2005**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Jacques Bonnet, ta’ 36 sena, bin Jean u Emily nee’ Cassar, imwieled Attard, data tat-twelid: 09.04.1968 u residenti 9/1, Refalo Avenue, Balzan, detentur tal-karta ta’ l-identita’: 168668(M) gie akkuzat;

a) Talli f'Malta u f'dawn il-gzejjer cioe' nhar it-2 ta' Ottubru, 2004 u/jew fil-jiem ta' wara din id-data b'diversi atti maghmulin minn zminijiet differenti li jikksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda ghamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' banek privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holoq pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw u cioe' fflasika l-firma tas-Sinjura Maria Lombardo kif ukoll Frances Anastasi fuq cekkijiet tal-Bank of Valletta skond l-art. 183 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

b) Ukoll talli fl-istess dati, lok, hin u cirkustanzi xjentement ghamel uzu minn att, kitba, jew skrittura falza fuq imsemmija f'diversi stabbilimenti kif ukoll ma' persuni mhux maghrufa skond l-art. 184 tal-Ligijiet ta' Malta;

c) Aktar talli fl-istess dati, lok, hin u cirkustanzi indikati aktar il-fuq, ffalsifika cedula, polza, ordni, jew dokumenti ohra, illi meta jigu prezentati wiehed jista' jircievi bihom hlas, jew jiehu l-kunsinna ta' oggetti, jew jigbor depositu jew rahan minn ufficju pubbliku jew minn bank jew stabbiliment pubbliku iehor imwaqqaf jew maghruf b'xi att pubbliku tal-Gvern skond l-art. 167 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

d) Aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi xjentement ghamel uzu minn mill-karti fuq imsemmija skond l-art. 169 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

e) Aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi b'mezzi kontra l-ligi, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila jew ta' setgha fuq haddiehor, jew ta' kreditu immaginarju jew sabiex iqanqal tama' jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh bi hsara ghal diversi stabbilimenti liema ammont totali huwa ta' anqas min Lm1000 izda aktar minn Lm500 Maltin skond l-art. 308 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

f) Aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi bi hsara ghal zewg stabbilimenti ghamel qligh iehor b'qerq li jammonta ghall-aktar minn Lm500 izda anqas minn Lm1000 skond l-art. 309 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
g) Aktar talli nhar it-2 ta' Ottubru, 2004 ghall-habta ta' 10:00 A.M. minn gewwa l-Ophtalmic Outpatient ta' l-Isptar San Luqa, Pieta' ikkommetta serq ta' tliet basktijiet li kien fihom xi dokumenti kif ukoll l-ammont totali ta' madwar Lm30 ghad-detriment ta' Julia Coleiro, Frances Anastasi kif ukoll Maria Lombardo liema serq huwa aggravat bil-lok skond l-art. 261 (e) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
h) Aktar talli fl-istess perjodu f'dawn il-Gzejjer sew jekk f'Malta jew barra minn Malta xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, jew, xjentement, b'kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom skond l-art. 334 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens tal-Avukat Generali esebit bhala Dok MSC3 u nnutat li l-imputat m'ghandhux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fis-Seduta ta' llum l-imputat ammetta l-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat rega' wiegeb li hu hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta ta' llum Dr. Mark Busuttil ghall-imputat iddikjara li l-imputat jaccetta l-ammont ta' sitt mija u erba u hamsin Lira Maltin u sitta u sebghin centezmu (Lm654.76) bhala l-ammont li huwa ghandu jhallas inkwantu lil Julia Coleiro (Karta tal-Identita Nru. 130356M) fl-ammont ta' hamsa u ghoxrin Lira Maltin

(Lm25), lil Frances Anastasi (Karta tal-Identita Nru. 0006361G) fl-ammont ta' ghoxrin Lira Maltin (Lm20), lil Maria Lombardo (Karta tal-Identita Nru. 0079466M) fl-ammont ta' hamsa u tmenin Lira Maltin (Lm85) u lill-Kumpanija Guido Vella Co. Ltd. fl-ammont ta' hames mija u erba u ghoxrin Lira Maltin u sitta u sebghin centezmu (Lm524.76) u ghalhekk dan fl-ammont totali ta sitt mija u erbgha u hamsin Lira Maltin u sitta u sebghin centezmu (Lm654.76) u iddikjara wkoll li l-imputat qieghed f'pozizzjoni li jhallas dan l-ammont fi zmien sitt (6) xhur mill-lum.

Innutat ukoll li fil-Verbal tas-Seduta ta' llum il-parte civile kollha prezenti iddikjaraw li qeghdin jaccettaw il-modalita' tal-hlas kif proposta mill-imputat.

Inoltre innutat li l-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Maria Stella Cutajar iddikjarat fil-Verbal tas-Seduta ta' llum li l-imputat ikkopera mal-pulizija.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 18, 183, 184, 167, 169, 308, 309, 261(e), 269, 281(a) u 334 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Jacques Bonnet, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-kawza, l-fatt li fil-Verbal tas-Seduta ta' llum saret id-dikjarazzjoni minn Dr Mark Busuttil ghall-imputat riportata aktar qabel f'din is-Sentenza, l-fatt li fil-Verbal tas-Seduta ta' llum il-parte civile kollha prezenti iddikjaraw li qeghdin jaccettaw il-modalita' tal-hlas kif proposta mill-imputat u li l-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Maria Stella Cutajar iddikjarat fil-Verbal tas-Seduta ta' llum li l-imputat ikkopera mal-pulizija u wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-imputat Jacques Bonnet ghall-piena komplessiva ta' sentejn prigunerija u tordna li din is-Sentenza nkwantu ghall-piena ta' prigunerija ma ghandhiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perijodu ta' erba' (4) snin millum l-imputat

Jacques Bonnet jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija.

Inoltre, ai termini tal-artikolu 28H tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qieghda tobbliga lill-imputat Jacques Bonnet li jhallas lil Julia Coleiro (Karta tal-Identita' Nru. 130356M) l-ammont ta' hamsa u ghoxrin Lira Maltin (Lm25), lil Frances Anastasi (Karta tal-Identita' Nru. 0006361G) l-ammont ta' ghoxrin Lira Maltin (Lm20), lil Maria Lombardo (Karta tal-Identita' Nru. 0079466M) l-ammont ta' hamsa u tmenin Lira Maltin (Lm85) u lill-Kumpanija Guido Vella Co. Ltd. L-ammont ta' hames mija u erba u ghoxrin Lira Maltin u sitta u sebghin centezmu (Lm524.76) u ghalhekk dan fl-ammont totali ta' sitt mija u erba u hamsin Lira Maltin u sitta u sebghin centezmu (Lm654.76) u dan fi zmien sitt (6) xhur millum.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Jacques Bonnet l-ispjegazzjoni preskritta fis-sub-artikoli 28A(4) u 28H(7) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------